## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2008 — Bang & Olufsen vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' loudspeaker)

**(Kawża T-508/08)**

(2009/C 19/65)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Bang & Olufsen A/S (Struer, id-Danimarka) (rappreżentant: K. Wallberg, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla l-punt 2 tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-10 ta' Settembru 2008 fil-Każ R 497/2005-1; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark tridimensjonali li tirrappreżenta loudspeaker għal prodotti fil-klassijiet 9 u 20 — Applikazzjoni Nru 3 354 371

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* Applikazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Deċiżjoni tal-eżaminatur annullata parzjalment

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 63(6) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; Ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(iii) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord tal-Appell ikkunsidra, b'mod żbaljat, li t-trade mark Komunitarja kkonċernata hija sinjal li jikkonsisti esklużivament f'għamla li tagħti valur sostanzjali lill-prodotti.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2008 — Toqueville vs UASI — Schiesaro (TOCQUEVILLE 13)

**(Kawża T-510/08)**

(2009/C 19/66)

*Lingwa tar-rikors: It-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Toqueville Srl (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: S. Bariatti, I. Palombella u E. Cucchiara, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Marco Schiesaro (Milan, l-Italja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Awwissu 2008, fil-Każ R-829/2008-2 Toqueville Srl vs M. Schiesaro.

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* "TOCQUEVILLE 13" (Trade mark Komunitarja Nru 1 406 982) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 25, 41 u 42.

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* Toqueville Srl.

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Marco Schiesaro.

*Deċiżjoni kkontestata quddiem il-Bord tal-Appell:* Id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li tilqa' l-applikazzjoni għar-revoka parzjali tat-trade mark inkwistjoni.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell iddikjarat inammissibbli u l-applikazzjoni għal *"restitutio in integrum"* fir-rigward tat-terminu għall-preżentazzjoni ta' appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni miċħuda.

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikoli 73 u 78 tar-Regolament (KE) Nru 40/94, dwar it-trade mark Komunitarja, kif ukoll tal-Artikoli 2 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 2869/95, dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, u tal-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95, li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 40/94.

---

## Rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2008 — Laboratorios Byly vs UASI — Ginis (BILLY'S Products)

**(Kawża T-514/08)**

(2009/C 19/67)

*Lingwa tar-rikors: L-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Laboratorios Byly, SA (Barċellona, Spanja) (rappreżentant: L. Plaza Fernandez-Villa, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Vasileios Ginis (Ateni, il-Greċja)